# HSIBIJIET FUQ IL-MISTERI TAT-TBATIJA.
# AQRA BIL-MOD BIEX TIFHEM



1. MISTERU...........L-AGUNIJA FIL-GNIEN TAL-GETSEMANI

Gib quddiem ghajnejk, il-gnien tal-Getsemani, post favorit ta' talb ghal Gesu' u d-dixxipli tieghu.  Huwa lok tassew sabih.

Hemm huwa sofra agunija mentali tassew vjolenti.

“Missier jekk jista’ jkun halli dan il-kalci jghaddi,” Gesu’ jitlob lil Missieru. Bhala bniedem Gesu’ trieghed quddiem is-sofferenza bhalma jigri lilna.

Gesu’ jcedi l-volonta tieghu ghar-rieda ta’ Missieru anke jekk jaf li ser ibati hafna.”Missier jekk dan ma jistax ikun, tkun maghmulha r-rieda tieghek.”

Tlett darbiet Gesu’ jitlob lil Missieru biex inehhilu l-kalci tat-tbatija u kull darba jcedi ghar-rieda ta’ Missieru. Anglu imbaghad dehrlu biex jaghtih il-kuragg. Kienet biss id-dehra ta’ l-anglu li tatu l-kuragg?

L-aktar tlett ihbieb qrib ta’ Gesu’ telquh fil-mument tal-bzonn. Gesu’ xtaq li jkunu mieghu, hdejh jitolbu mieghu. Tlett darbiet staqsiehom. Imma huma raqdu.  Ma ssoponewx x’kien hemm lest ghal Gesu’ l-Imghallem taghhom. U anqas ahna ma nafu x’hemm jistenniena fil-hajja taghna. Ghalhekk jehtieg li dejjem nitolbu biex naraw x’inhi r-rieda taghna fuqna.

Fil-biza’ li hakmitu l-gharaq hareg minnu qisu bhal qtar ta’ demm li waqa’ ma’ l-art. Din hija kundizzjoni medika rari hafna, imsejha ***hematohidrosis*** li tigi fuq il-bniedem meta jkollu stress qawwi hafna. Din il-kundizzjoni hija kawza li l-gilda tal-gisem issir aktar fragli.

Gesu’ hu ttradut minn wiehed minn ta’ madwaru li qaghad bilqieghda mieghu fl-ahhar Ikla li Hu ghamel mad-dixxipli tieghu qabel ma miet. Ma ninsewx li Gesu’ kien ihobbu wkoll lil Guda. Dan it-tradiment gab dulur kbir lil Gesu’ ghax kien tradiment minn habib.

Wiehed mill-appostli qabad xabla u qata’ widint il-qaddej tal-Qassis il-Kbir. U Gesu’ jwiddbu biex jerga’ jpoggi x-xabla fil-ghant taghha. Huwa jmiss widint il-qaddej u dan ifieq.  Is-suldati huma xiehda ta’ miraklu u jibqghu ta’ qalb iebsa u jarrestaw lil Gesu’.  Kemm-il darba naraw mirakli

fil-hajja taghna u nwarrbuhom bla ma niznu l-valur kbir taghhom u x'bidla kbira jistghu igibu fil-hajja spiritwali taghna?

2. MISTERU........... GESU’ MARBUT MAL-KOLONNA U FFLAGELLAT



Nafu li minhabba l-kundizzjoni ta’ l- ***hematohidrosis***, l-gilda ta’ Gesu’ kienet fragli u tenera.  Kien f’dan l-istat li huwa ircieva tant daqqiet mill-istrumenti tat-tortura.

Marija Ommu kienet prezenti ghall-flagellazzjoni? Din kienet issir fil-pubbliku. Xi hadd mis-segwaci ta' Kristu raha? Immaginaw id-dieqa taghhom.

Id-Demm Prezzjuz ta' Gesu' xtered bil-kotra ma' l-art. Dak id-Demm prezzjuzissimu! Is-suldati probabilment kienu mcappsa bih u anke rifsuh.

Kemm damet il-flagellazzjoni? Ghal Gesu' u dawk li kienu jhobbuh dehret li damet eternita'.

Nistghu nistaqsu lis-suldati kif kienu kapaci jaghmlu din il-herba minn Gisem Gesu'? Kif setghu jkunu daqshekk krudili? Madanakollu huma ahna li konna kagun ta' dawn il-griehi.

Gesu' habbar dan minn zmien qabel lill- appostli meta qalilhom li Bin il-Bniedem ikun imzeblah mill-pagani, jsawtuh u jaqtghuhielhu ghall-mewt, imma fit-tielet jum iqum. (Luqa Kap 18 Versi 32 -33).

Zgur li l-appostli ma ftakrux izjed dak il-kliem. Forsi hasbuh li kien qed ikellimhom b'sens figurattiv.

Imma f'dan il-jum fehmu li kliem Gesu' kien ser isehh tassew. Immagina l-biza' li hakimhom.

L-appostli kienu jafu li Gesu' kellu kontroll ta' kollox, sahansitra tar-rih, mewg u hajja. Ghaliex hallihom jaghmluhu hekk? Forsi xi whud bdew jaslu biex jifhmu li fuqu waqa' il-kastig ta' Alla biex ahna nkunu mfejqa bil-griehi tieghu. (Isaija Kap 53 vers 5).

X'kienet r-reazzjoni tal-mara ta' Pilatu meta semghet x'kien ordna zewgha? Forsi hija wkoll intliet bil-biza'?

3. MISTERU........... L-INKURUNAZZJONI TA' GESU



X'ironija orribbli – ir-Re tar-Rejiet u s-Sinjur tas-Sinjuri, imzeblah u ttorturat b'kuruna tax-xewk.

Is-suldati nisgu kuruna tax-xewk u poggewhielu fuq rasu filwaqt li xeddewlu mantar kulur vjola.

Ripetutament kienu jigu quddiemu, imielu u jghidulu: " Sliem ghalik sultan tal-lhud" filwaqt li jtuh daqqa ta' harta.

Is-Salvatur, dak li kien ilu mistenni f'Izrael, qed ikun imzeblah.

Is-suldati komplew jidhqu bih, jghattulu ghajnejh, jtuh bil-harta u jghidulu: "Aqta min darbek?" U hwejjeg ohra ta' zeblih.

Tahseb inti li lil Gesu' ghattewlu ghajnejh biex jevitaw li jharsu lejn dawk l-ghajnejn mimlija mhabba? Forsi ma setghux jaghmlu dak li ghamlu u jharsu lejn ghajnejh.

Qatt hassejt li inti kont ittrattat b'manjiera li ma kienitx tixraqlek? Jekk inhu hekk ftakar f'Gesu' liebes il-kuruna tax-xewk, manjiera li poggewh fiha is-suldati lhud biex jirredikolawh.

Ahna l-kagun li Gesu' sofra din il-mohqrija. Meta ninzlu gharkubtejna quddiemu, ghandna niftakru li qeghdin quddiem Gesu' li jisthoqqlu kull qima u rispett.

4. MISTERU........... KRISTU MGHOBBI BIS-SALIB



Kemm kien tqil is-salib ta’ Gesu’? Il-bicca il-minduda kienet tizen mal-100 libbra. Qatt ippruvajt terfa dan il-piz?

Gesu' tilef kwantita' kbira ta' demm u l-gilda tieghu kienet imqaxxra u gerha wahda. F'dan l-istat huwa refa' is-salib. Tbatija liema bhala. Imma sehhet fuq Gesu'

Waqa' tlett darbiet. Min jaf kemm kienet ta' sofferenza kull wahda. U biex qam minn liema tbatija ghadda.

Gib quddiem ghajnejk lil Gesu' jiltaqa' ma' Ommu Marija. X'ugigh emozzjonali bata' Kristu quddiem id-dehra tal-wicc taghha. Kif setghet omm tara lil binha jsofri daqshekk?

Forsi n-nisa ta' Gerusalem kienu jafu lil xulxin? Iltaqghu flimkien biex isibu lil Gesu' fi Triq Dolorosa? Kienu nisa li wreh ospitalita' xi darba waqt il-missjoni pubblika tieghu? Kienu xi nisa dixxipli tieghu?

Kif hassu Xmun meta ghen lil Kristu jgorr is-salib? Fehem kemm kien privilegg mistiku li seta' jghin lil Kristu? Certament li dak il-hin Gesu' bierku u tah hafna grazzji li bidlulu hajtu u anke dik tal-familja tieghu.

Immagina l-harsa ta' radd il-hajr meta l-Veronika resqet Lejh tixxuttalhu b'mod l-aktar teneru l-Wicc Imqaddes tieghu kollu dmija.

Kif hassitha l-Veronka meta skoprit li Gesu' halla x-xbiha tieghu stampata fil-velu taghha? Minghajr ebda dubju l-aktar mara xxurtjata, ghax meta tiftakar fix-xbiha, tiftakar ukoll fl-imhabba kbira ta' Gesu' lejn il-bniedem.

5. MISTERU........... KRISTU MGHOBBI BIS-SALIB



Gesu' wasal fuq il-Kalvarju. Ahseb ftit x'hass Gesu' meta pogga dahru mbiccer fuq is-salib, injama raffa differenti hafna minn dak li ahna mdorrija naraw fil-knejjes taghna, salib lixx.

Ahseb ftit fuq is-sofferenza li hass Gesu' meta l-imsiermer dahlu f'idu u f'saqajh.

Ahseb ftit fuq l-ugigh li dahal fil-qalb ta' Gesu' hekk kif is-salib gie mgholli u t-toqol tal-Gisem Imqaddes Tieghu ghamel pressjoni fuq l-

imsiermer ta' idejh u saqajh. Meta ghollew is-salib ghollewh b'dik l-attitudni ta' *ejja halli mmorru 'l hemm.*

Kemm kienet haga iebsa li Gesu' jiehu nifs fuq is-salib; kien ikollu jqum fuq saqajh biex jimla' sidru bl-arja biex jiehu nifs, imma u mill-gdid kien ihoss l-ugigh ta' l-imsiemer u allura jintelaq. U jintelaq mill-gdid kull darba li jipprova jiehu n-nifs. U bil-mod il-mod kien jinqatghalu nifsu sa ma jmut.

Ahseb ftit li anke waqt dik l-agunija l-izjed harxa Gesu' ftakar fina ghax tana lil ommu b'omm taghna.

Kemm kienet ta' balzmu l-assigurazzjoni ta' Gesu' lil halliel it-tajjeb li hu sejjer ikunu Mieghu fil-Genna dak in-nhar stess. Il-halliel it-tajjeb kien sema' it-taghlim ta' Gesu' qabel gie arrestat u mitfugh fil-habs? Jew fehem il-qawwa tal-prezenza ta' Gesu' li dan kien tassew ir-Re tar-rejiet?

"Alla tieghi, jiena nafda ruhi f'idejk". X'rassenjazzjoni perfetta li Kristu ghamel fil-Missier tieghu.

Is-Sagrificcju ta' Kristu fuq is-Salib huwa kollu frott tal-Hnien kbira u nfinita ta' Alla ghalina l-bnedmin.

JALLA NKUNU ETERNAMENT GRATI LEJN DIN L-IMHABBA KBIRA TA' ALLA GHALINA.

NISSEL FIK SENTIMENTI TA' INDIEMA GHAL DNUBIETEK BILLI TGHID:

**GESU' MIET GHALIJA U JIENA KELLI L-HILA NOFFENDIH.**